MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 110/2014

**Simonds Farsons Cisk plc**

**Vs**

**Joe Vella**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fis-6 ta’ Frar 2014 l-attrici talbet li:-

1. Il-qorti tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh (Artikolu 167 sa 170) tal-Kap. 12.
2. Tiddikjara li l-konvenut hu debitur tal-attrici fis-somma ta' €38,051.76.
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €38,051.76.

Dan wara li l-attrici ppremettiet li kienet bieghet u kkonsenjat merkanzija lill-konvenut.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 il-konvenut iddikjara li m'huwiex jikkontesta t-talbiet u li kellu bzonn perjodu ta' xahar biex ikun jista' jhallas id-dejn (fol. 14). Jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-konvenut ghamel pagamenti. Ghas-seduta tal-lum il-konvenut ma attendiex. Rosanne Micallef xehedet li l-ammont li kien ghadu dovut kien tnax-il elf hames mija u sebgha u tletin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€12,537.71), u li mill-ahhar seduta (12 ta' Novembru 2014) ma kienx sar pagament iehor u l-konvenut ma ghamilx kuntent maghha. Fic-cirkostanzi l-pretensjoni tal-attrici tirrizulta minhha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba.**
2. **Tiddikjara li l-konvenut hu debitur tal-attrici fis-somma ta' tnax-il elf hames mija u sebgha u tletin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€12,537.71).**
3. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tnax-il elf hames mija u sebgha u tletin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€12,537.71).**

**Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------